KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CRUZ VILLALÓN
ippreżentati fit-22 ta' Ġunju 2010[1]

I — Introduzzjoni

1. Il-Grondwettelijk Hof (il-Qorti Kostituzzjonali) tal-Belġju qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/22 dwar is-servizz universali fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet[2] li jirregolaw il-kumpens għall-obbligi tas-servizz universali. B'mod iktar speċifiku, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tistabbilixxi jekk l-imsemmija direttiva, interpretata flimkien mad-direttiva qafas tagħha, id-Direttiva 2002/21/KE[3], tippermettix li leġiżlatur jaġixxi fil-kwalità ta' awtorità regolatorja nazzjonali u li jikkwalifika bħala "piż inġust" il-prestazzjoni bi żbilanċ ta' servizz universali unikament abbażi ta' evalwazzjoni tal-ispejjeż li saret qabel il-liberalizzazzjoni tas-suq tat-telekomunikazzjonijiet.

2. Għalkemm id-deċiżjoni tar-rinviju tikkonċentra fuq il-leġiżlazzjoni tal-Belġju li tirregola l-kumpens għall-obbligi tas-servizz universali kollha, il-kawża prinċipali hija essenzjalment ibbażata fuq servizz speċifiku: 'l hekk imsejħa tariffi soċjali. Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet tal-liġi Belġjana li jirregolaw il-kumpens għall-prestazzjoni ta' dan is-servizz ġibdu l-attenzjoni anki tal-Kummissjoni Ewropea, u wassluha biex tippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-222/08, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, li fiha ppreżentajt il-konklużjonijiet tiegħi fl-istess ġurnata bħal dawk relatati ma' din il-kawża.

3. F'din il-proċedura għal deċiżjoni preliminari, grupp ta' impriżi tat-telekomunikazzjonijiet ippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Grondwettelijk Hof għal nuqqas ta' kostituzzjonalità tal-liġi li tirregola l-kumpens għall-prestazzjoni tas-servizz universali tat-telekomunikazzjonijiet. Ir-rikorrenti qed jilmentaw li qed jiġu diskriminati fil-konfront tal-operatur storiku, il-Belgacom, minħabba li l-kumpens għas-servizzi msemmija jagħtu vantaġġ lil din l-impriża b'dannu għal oħrajn.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

2 — Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 367).

3 — Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru [qafas] regolatorju komuni għan-netwerks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru [Qafas]) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 349).

4. Għalhekk, il-Grondwettelijk Hof qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tiddeċiedi dwar in-natura li l-liġi tal-Unjoni tagħti lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (minn issa 'l quddiem "l-ARN"), kif ukoll dwar il-modalità ta' kumpens għall-obbligi tas-servizz universali fid-dawl tad-Direttiva 2002/22.

networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, apparat jew servizzi. L-Istati Membri li jżommu l-proprjetà jew jikkontrollaw intrapriżi li jipprovdu networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u/jew servizzi għandhom jassiguraw is-separazzjoni strutturali effettiva tal-funzjoni regolatorja mill-attivitajiet assoċjati mal-proprjetà jew kontroll.

II — Il-leġiżlazzjoni applikabbli

3. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji jeżerċitaw is-settgħat tagħhom imparzjalment u trasparentement.

A — *Il-liġi tal-Unjoni Ewropea*

4. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw ix-xogħlijiet imwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali regolatorji f'forma faċilment aċċessibbli, b'mod partikolari fejn dawk ix-xogħlijiet huma assenjati lill-aktar minn korp wieħed. […] Fejn akatr minn awtorità waħda jkollha l-kompetenza li tindirizza dawk il-kwistjonijiet, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li x-xogħlijiet rispettivi ta' kull awtorità jiġu pubblikat f'forma faċilment aaċċessibbli.

5. Id-Direttiva 2002/21/KE, li tikkostitwixxi l-qafas leġiżlattiv derivat fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet, tinkludi għadd ta' dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli għall-ARN. Għall-finijiet ta' din il-kawża xieraq li jkun iċċitat l-Artikolu 3, li jipprovdi li:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull wieħed mix-xogħlijiet assenjati lill-awtoritajiet nazzjonali regolatorji f'din id-Direttiva u fid-Direttiva Speċifiċi jitwettaq minn korp kompetenti.

[…]

2. L-Istati Membri għandhom jiggarantixxu l-indipendenza ta' l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji billi jassiguraw li jkun legalment distinti minn u funzjonalment indipendenti mill-organizzazzjonijiet kollha li jipprovdu

6. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-awtoritajiet nazzjonali regolatorji kollha assenjati xogħlijiet taħt din id-Direttiva u d-Direttivi Speċifiċi, u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom."

6. Id-Direttiva 2002/22 timplementa d-dispożizzjonijiet tad-direttiva qafas, billi tapplikahom għall-komponent ta' servizz universali inerenti għas-servizz tat-telekomunikazzjonijiet.

7. L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/22 igħid li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet ikunu offruti f'livell ta' kwalità stabbilit u bi prezzijiet li jistgħu jintlaħqu f'kundizzjonijiet partikolari.

8. Skont id-Direttiva 2002/22, is-servizzi bażiċi jinkludu: (a) konnessjoni ma' netwerk pubbliku tat-telefon f'lok fiss, bi prezz li jista' jintlaħaq; (b) numru adegwat ta' telefons pubbliċi bi ħlas, kif ukoll numri ta' emerġenza u, b'mod partikolari, in-numru ta' sejħa ta' emerġenza Ewropew ("112") mingħajr ħlas minn kull telefon (ċ) id-direttorji tat-telefon u l-informazzjoni dwar in-numri tal-abbonati, kif ukoll (d) kwalunkwe miżuri favur utenti soċjalment iktar vulnerabbli, bħal dawk taż-żoni rurali jew ġeografikament iżolati, l-anzjani, il-persuni b'diżabbiltà jew il-konsumaturi bi dħul baxx, sabiex ikollhom aċċess għas-servizzi bl-istess kundizzjonijiet.

9. L-Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/22 jirrigwarda l-ħatra tal-fornituri tas-servizz universali:

"1. L-Istati Membri jistgħu jaħtru impriża waħda jew aktar biex tiggarantixxi l-forniment ta' servizz universali kif identifikat fl-Artikoli 4, 5, 6 u 7 u, fejn japplika, l-Artikolu 9(2) sabiex ikun jista' jiġi kopert it-territorju kollu nazzjonali. L-Istati Membri jistgħu jaħtru mpriżi differenti jew settijiet ta' impriżi biex jipprovdu elementi differenti ta' servizz universali u/jew biex ikopru partijiet differenti tat-territorju nazzjonali.

2. Meta l-Istati Membri jaħtru mpriżi f'parti jew fit-territorju kollu nazzjonali bħala li jkollhom obbligi ta' servizz universali, għandhom jagħmlu dan billi jużaw mekkaniżmu ta' ħatra effiċjenti, oġġettiv, trasparenti u mhux diskriminatorju, li bih ebda mpiża ma tkun a priori eskluża milli tiġi maħtura. Dawk il-metodi ta' ħatra għandhom jassiguraw li s-servizz universali jiġi provdut b'mod effiċjenti fl-ispiża u jista' jintuża bħala mezz biex tiġi stabbilita l-ispiża netta ta' l-obbligu tas-servizz universali skond l-Artikolu 12."

10. Skont l-għaxar premessa tad-Direttiva 2002/22, prezz li jista' jintlaħaq ifisser "prezz definit mill-Istati Membri f'livell nazzjonali fid-dawl tal-kondizzjonijiet nazzjonali speċifiċi, u jista' jinvolvi l-iffissar ta' tariffi komuni irrespettivament mil-lok

jew għażliet ta' tariffa speċjali biex jittrattaw il-ħtiġiet ta' utenti bi dħul baxx. Prezz li jista' jintlaħaq għall-konsumaturi ndividwali huwa relatat mal-kapaċità tagħhom li jissorveljaw u jikkontrollaw l-infieq tagħhom."

11. B'mod ġenerali, it-tariffi ġenerali huma pprovduti fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2002/22:

"1. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jissorveljaw l-evoluzzjoni u l-livell tat-tariffi bl-imnut tas-servizzi identifikati fl-Artikoli 4, 5, 6 u 7 bħala li jaqgħu taħt l-obbligi ta' servizz universali u provduti mill-impriżi maħtura, b'mod partikolari b'relazzjoni mal-prezzijiet u d-dħul tal-konsumaturi nazzjonali.

2. L-Istati Membri jistgħu, fid-dawl tal-kondizzjonijiet nazzjonali, jeħtieġu li l-impriżi maħtura jfornu għażliet ta' tariffi jew pakketti lill-konsumaturi li jitilqu minn dawk provduti taħt kondizzjonijiet normali kummerċjali, b'mod partikolari biex jiġi assigurat li dak bi dħul baxx jew bi ħtiġiet soċjali speċjali ma jiġux prevenuti milli jaċċessaw jew jużaw is-servizz pubblikament disponibbli tat-telefon.

3. L-Istati Membri jistgħu, minbarra kull dispożizzjoni li l-impriżi maħtura jfornu għażliet speċjali ta' tariffi jew li jikkonformaw ma' limiti ta' prezz jew medjar ġeografiku jew skemi oħra simili, jassiguraw li appoġġ jiġi provdut lil konsumaturi identifikati bħala li għandhom dħul baxx jew ħtiġiet soċjali speċjali.

[…]".

12. Sabiex tkun garantita l-effiċjenza tas-servizz universali, l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/22 jintroduċi mod ta' ffinanzjar tal-obbligi tas-servizz universali u jipprovdi li ġej:

"1. Fejn, fuq il-bażi tal-kalkolu ta' l-ispejjeż netti msemmija fl-Artikolu 12, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jsibu li mpriża hija suġġetta għal piż inġust, l-Istati Membri għandhom, fuq talba minn impriża maħtura, jiddeċiedu:

a) li jintroduċu mekkaniżmu biex jikkumpensaw lil dik l-impriża għall-ispiża netta stabbilita taħt kondizzjonijiet trasparenti minn fondi pubbliċi; u/jew

b) jaqsmu l-ispiża netta ta' l-obbligu tas-servizz universali bejn il-fornituri ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.

2. Fejn l-ispiża netta tinqasam taħt il-paragrafu 1 (b), l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu ta' qsim amministrat mill-awtorità regolatorja nazzjonali jew korp indipendenti mill-benefiċjarji taħt is-sorveljanza ta' l-awtorità regolatorja nazzjonali. L-ispiża netta biss, kif stabbilita taħt l-Artikolu 12, ta' l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 10 tista' tiġi ffinanzjata.

3. Il-mekkaniżmu tal-qsim għandu jirrispetta l-prinċipji tat-trasparenza, l-anqas distorsjoni tas-suq, non-diskriminazzjoni u proporzjonalità skond il-prinċipji ta' l-Anness IV, Taqsima B. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jeħtieġux kontribuzzjonijiet minn impriżi li l-valur tal-bejgħ nazzjonali tagħhom ikun anqas minn limitu ffissat.

4. Kull ħlasijiet relatati mal-qsim ta' l-ispiża ta' obbligi ta' servizz universali għandhom jiġu disassoċċjati u identifikati separatament għal kull impriża. Dawk il-ħlasijiet m'għandhomx ikunu mposti jew miġbura minn impriżi li ma jfornux servizzi fit-territorju ta' l-Istat Membru li jkun stabbilixxa l-mekkaniżmu tal-qsim."

13. Qabel il-kumpens issir evalwazzjoni tal-ispejjeż tas-servizz universali, li s-sistema ta' kalkolu tagħha hija pprovduta fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2002/22:

"1. Fejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jqiesu li forniment ta' servizz universali kif stipulat fl-Artikoli 3 sa 10 jista' jirrappresenta piż inġust fuq impriżi maħtura biex ifornu servizz universali, għandhom jikkalkolaw l-ispejjeż netti tal-forniment tiegħu.

Għal dak l-iskop l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom:

a) jikkalkolaw l-ispiża netta ta' l-obbligu tas-servizz universali, waqt li jieħdu kont ta' xi benefiċċju tas-suq li jinġema għal impriża maħtura biex tipprovdi servizz universali, skond l-Anness IV, Taqsima A; jew

b) jagħmlu użu ta' l-ispejjeż netti għall-forniment tas-servizz universali identifikat minn mekkaniżmu magħżul skond l-Artikolu 8(2).

2. Il-kontabilità u/jew informazzjoni oħra li sservi bħala bażi għall-kalkolu ta' l-ispiża netta ta' obbligi ta' servizz universali taħt il-paragrafu 1 (a) għandhom jiġu awditjati jew verifikati mill-awtorità regolatorja nazzjonali jew korp indipendenti mill-partijiet relevanti u approvat mill-awtorità regolatorja

nazzjonali. Ir-riżultat tal-kalkolu ta' l-ispejjeż u l-konklużjonijiet tal-verifika għandhom jintgħamlu pubblikament disponibbli."

14. It-Taqsima A tal-Anness IV imsemmija tipprovdi li:

"[…]

Fit-twettieq ta' eżerċizzju ta' kalkolu, l-ispiża netta ta' obbligi ta' servizz universali għandha tiġi kalkolata bħala d-differenza bejn l-ispiża netta għal impriża maħtura fl-operazzjoni ta' obbligi ta' servizz universali u fl-operazzjoni mingħajr obbligi ta' servizz universali. Dan japplika sew jekk in-network fi Stat Membru partikolari jkun żviluppa kollu kemm hu jew jekk ikun għadu jkun qiegħed jiżviluppa u jespandi. Attenzjoni debita għandha tingħata biex issir stima korretta l-ispejjeż li x'impriża maħtura tkun għażlet li tevita li kieku ma kien hemm ebda obbligu ta' servizz universali. Il-kalkolu ta' l-ispiża netta għandu jistma l-benefiċċji, nklużi benefiċċji ntanġibbli, għall-operatur ta' servizz universali.

Il-kalkolu għandu jiġi bbażat fuq in-nefqiet attribwibbli għal:

i) l-elementi tas-servizzi identifikati li jistgħu jiġu biss provduti b'telf jew provduti taħt kondizzjonijiet ta' spiża li jaqgħu barra l-istandards normali kummerċjali.

   Din il-kategorija tista' tinkludi elementi ta' servizz bħal aċċess għas-servizzi ta' emerġenza bit-telefon, il-forniment ta' ċerti telefons pubbliċi bi ħlas, il-forniment ta' ċerti servizzi jew tagħmir għal persuni b'disabilità, eċċ;

ii) utenti finali jew gruppi ta' utenti finali speċifiċi li, waqt li jittieħed kont ta' l-ispiża għall-forniment tan-network u servizz speċifiku, id-dħul ġenerat u kull medjar ġeografiku tal-prezzijiet imposti mill-Istat Membru, li s-servizz għalihom jista' jsir biss b'telf jew taħt kondizzjonijiet ta' l-ispiża li jaqgħu barra l-istandards normali tal-kummerċ.

   Din il-kategorija tinkludi wkoll dawk l-utenti finali jew gruppi ta' utenti finali li ma kienux jiġu servuti minn operatur kummerċjali li ma kellux obbligu li jipprovdi servizz universali.

Il-kalkolu ta' l-ispiża netta ta' aspetti speċifiċi ta' obbligi ta' servizz universali għandu jsir separatament u sabiex jiġi evitat għadd doppju ta' xi benefiċċji u nefqiet diretti jew indiretti. L-ispiża netta globali ta' obbligi ta' servizzi universali għandha tiġi kkalkolata bħala s-somma ta' l-ispejjeż netti li jirriżultaw mill-komponenti speċifiċi ta' obbligi ta' servizz universali, waqt li jittieħed kont ta' kull benefiċċju ntanġibbli. Ir-responsabbiltà għall-verifikar ta' l-ispiża netta hija ta' l-awtorità regolatorja nazzjonali."

B — *Il-liġi tal-Belġju*

15. Il-liġi tat-13 ta' Ġunju 2005 dwar it-telekomunikazzjonijiet elettroniċi, fil-verżjoni emendata bil-liġi tal-25 ta' April 2007 (minn issa 'l quddiem il-"liġi tal-2005 kif emendata") tistabbilixxi sistema ta' ffinanzjar tas-servizz universali li tiddistingwi t-tariffi soċjali mill-obbligi l-oħra tas-servizz universali.

16. L-Artikolu 74 tal-liġi tal-2005 kif emendata (fil-verżjoni introdotta bl-Artikolu 173 tal-liġi tal-25 ta' April 2007) jinkludi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw il-kumpensi fost l-operaturi, b'kunsiderazzjoni għall-"kundizzjonijiet tariffarji partikolari għal xi kategoriji ta' benefiċjarji" bħala komponent soċjali tas-servizz universali [4].

17. Il-Belgisch Instituut voor postdiensten en telecommunicatie (L-Istitut Belġjan għas-servizzi postali u t-telekomunikazzjonijiet, minn issa 'l quddiem il-"BIPT") kull sena għandu jressaq lill-ministru, rapport li jindika l-għadd ta' "abbonati soċjali" tad-diversi impriżi fir-rigward tal-kwota tagħhom tas-suq fl-ambitu tat-telefonija pubblika [5].

18. Il-kumpens għat-"tariffi soċjali", meta jintalab lill-BIPT mill-operatur ikkonċernat, isir minn fond li għandu personalità legali u li hu amministrat mill-BIPT stess [6].

19. Biex ikun ikkumpensat il-piż tal-"klijenti soċjali" imġarrab minn kull impriża, is-sitt u s-seba' paragrafi tal-Artikolu 74, jipprovdu għall-qsim tal-fondi b'mod proporzjonali mal-valur tad-dħul mill-bejgħ totali rispettiv. Il-kumpensi huma dovuti immedjatament, anki jekk jeħtieġ li jsiru permezz tal-fond, u jsiru effettivi minn meta dan tal-aħħar jirriżulta operattiv u mhux iktar tard mis-sena ta' wara d-dħul fis-seħħ tal-istess Artikolu 74 [7].

20. L-ispiża netta tat-"tariffi soċjali" għal kull operatur li jkun ressaq talba tiġi kkalkulata mill-BIPT skont il-metodu stabbilit fl-Anness [8]. Barra minn hekk, il-BIPT jista' jiddefinixxi l-modalità tal-kalkolu tal-ispejjeż u l-kumpensi skont il-limiti stabbiliti mil-liġi [9].

21. Skont l-Artikolu 45(a) tal-imsemmi Anness, l-ispiża netta tat-tariffi soċjali tikkonsisti fid-differenza bejn id-dħul tal-impriża li kieku kellha tadotta l-kundizzjonijiet kummerċjali normali u d-dħul li realment ikollha bl-applikazzjoni tal-obbligu li tagħti t-traħħis ipprovdut mil-liġi lil xi benefiċjarji tat-tariffi soċjali. Barra minn hekk, l-Anness jinkludi dispożizzjoni tranżitorja li tgħid li, matul l-ewwel ħames snin mid-dħul fis-seħħ tal-liġi, il-kumpens (meta dovut) mill-operatur storiku għandu jkun imnaqqas bil-perċentwali stabbilita

4 — L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 74.
5 — It-tielet paragrafu tal-Artikolu 74.
6 — Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 74.
7 — It-tmien paragrafu tal-Artikolu 74.
8 — Id-disa' paragrafu tal-Artikolu 74.
9 — L-għaxar paragrafu tal-Artikolu 74.

mill-BIPT abbaži tal-benefiċċju indirett u b'kunsiderazzjoni għall-kalkoli preċedenti li jkunu saru tal-ispiża netta tat-tariffi soċjali tiegħu.

22. L-Artikolu 202 tal-liġi tal-2007 jinterpreta l-aħħar paragrafu tal-Artikolu 74 tal-liġi tal-2005, li jgħid li l-kumpensi mill-fond huma dovuti immedjatament. Minn dan l-artikolu jirriżulta li, matul il-preparazzjoni tal-imsemmija liġi tal-2005, b'kunsiderazzjoni għall-kundizzjonijiet ipprovduti fid-Direttiva 2002/22, fuq talba tal-operatur storiku tas-servizz universali u wara li l-BIPT iddikjara l-ispiża netta, il-leġiżlatur tal-Belġju, fil-kwalità ta' ARN, ipproċeda biex jagħmel evalwazzjoni tal-piż sostnut mill-ex monopolista. Dan wasal għall-konklużjoni li, b'kunsiderazzjoni għall-benefiċċji indiretti (inklużi dawk intanġibbli), kull sitwazzjoni ta' żbilanċ tikkostitwixxi piż irraġonevoli.

III — Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

23. Fit-8 ta' Novembru 2007, Base, Euphony Benelux, Mobistar, Uninet International, T2 Belgium u KPN Belgium ippreżentaw rikors għall-annullament tal-liġi tal-25 ta' April 2007, minħabba ksur tal-Artikoli 10 u 11 tal-Grondwet (Il-Kostituzzjoni tal-Belġju) quddiem il-Grondwettelijk Hof.

24. Ir-rikorrenti lmentaw dwar trattament differenti fil-konfront tal-Belgacom li, fl-opinjoni tagħhom, kien jirriżulta minn dawn id-dispożizzjonijiet, minħabba li l-leġiżlatur iddikjara li s-servizz universali jikkostitwixxi "piż inġust" għall-ex monopolista, bil-konsegwenza li fil-futur, din il-kwalifikazzjoni tista' tkun modifikata biss permezz ta' liġi. Għall-kuntrarju, għar-rikorrenti, il-"piż inġust" jista' jkun ikkonstatat, u jekk ikun il-każ, attwalizzat, mill-BIPT biss.

25. Ir-rikorrenti jżidu li, sabiex tkun stabbilita l-ispiża netta għall-kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata Belgacom, il-leġiżlatur ibbaża fuq ċifri estratti mid-dokumentazzjoni tal-kontabbiltà relatati għas-sena finanzjarja 2001, mentri l-evalwazzjoni li tirrigwardaha saret mill-BIPT abbaži ta' ċifri attwali.

26. Madankollu, il-Grondwettelijk Hof titlaq mill-kunsiderazzjoni li l-leġiżlatur, fil-kwalità ta' awtorità regolatorja nazzjonali, iddikjara li l-prestazzjoni tas-servizz universali mingħajr qligħ tikkostitwixxi "piż inġust" għall-fornituri kollha; għal din ir-raġuni, il-qorti msemmija ressqet id-domanda preliminarja li ġejja:

"L-Artikolu 12 tad-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002, dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma'

networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) jista' jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lil-leġiżlatur kompetenti ta' Stat Membru, meta jaġixxi fil-kwalità ta' awtorità regolatorja nazzjonali, li jikkonstata, b'mod ġenerali u abbażi ta' stima tal-ispejjeż netti tal-fornitur tas-servizz universali, li preċedentement kien l-uniku fornitur, li l-provvista tas-servizz universali tista' tirrappreżenta piż inġust fir-rigward tal-impriżi maħtura bħala fornituri ta' servizz universali?"

xieraq li jkun ikkjarifikat l-ewwel nett, jekk il-leġiżlatur Belġjan, meta adotta dikjarazzjoni interpretattiva u retroattiva bħal dik tal-2007, aġixxiex f'konformità mad-Direttiva 2002/22, peress li din tal-aħħar speċifikament tattribwixxi din id-deċiżjoni għall-ARN. Fil-każ ta' risposta pożittiva, għandu jkun ivverifikat jekk evalwazzjoni globali u astratta li saret abbażi ta' data li tikkonċerna esklużivament lill-Belgacom — ex monopolista — tistax tkun estiża għal impriżi oħra mingħajr ma jkunu kkunsidrati ċ-ċirkustanzi speċifiċi għalihom.

IV — Il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

A — *Fuq l-ARN u l-intervent tal-leġiżlatur Belġjan*

27. Id-digriet tar-rinviju wasal fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-8 ta' Settembru 2008.

28. Il-Gvern Belġjan, Base u Belgacom NV, kif ukoll il-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

29. Is-seduta saret fis-17 ta' Marzu 2010, b'mod konġunt għal din il-kawża u għall-Kawża C-222/08. Fiha pparteċipaw ir-rappreżentanti tar-Renju tal-Belġju, ta' Base, ta' Belgacom NV u tal-Kummissjoni.

31. Sabiex ikunu implimentati l-kompiti ta' regolamentazzjoni assenjati mid-Direttiva 2002/21, l-Istati Membri għaddewhom lill-korpi indipendenti li għandhom kompetenzi tekniċi speċifiċi. Dan jirriżulta mill-Artikolu 3(2) tal-imsemmija direttiva li tippreċiża li dawn il-korpi, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, għandhom ikunu "distinti minn u funzjonalment indipendenti mill-organizzazzjonijiet kollha li jipprovdu networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, apparat jew servizzi."

V — Analiżi tad-domanda preliminari

30. Fir-rigward tat-termini li fuqhom l-Grondwettelijk Hof ibbażat id-diskussjoni,

32. Din il-miżura, li għandha impatt istituzzjonali profond, hija bbażata fuq il-ftuħ ta' swieq strateġiċi li tradizzjonalment

kienu monopolizzati mill-Istat, bħas-suq tat-telekomunikazzjonijiet, u timponi fuq l-Istati Membri, abbażi tal-liġi tal-Unjoni Ewropea, separazzjoni tal-funzjonijiet: minn naħa dik ta' medjatur li għandu poteri pubbliċi u minnaħa l-oħra dik ta' imprenditur li għandu aspettattivi leġittimi ta' qligħ.

33. Sabiex ikunu kkonċiljati dawn iż-żewġ aspetti, il-funzjoni ta' regolamentazzjoni hija attribwita lil awtorità indipendenti, li fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet, tissejjaħ awtorità regolatorja nazzjonali (li diġà sar riferiment għaliha bħala l-"ARN"). L-indipendenza li jgawdu dawn l-awtoritajiet tidher imsaħħa mis-sistema tad-direttivi, iżda l-Istati Membri għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom marġni ta' diskrezzjoni biex ikun definit b'mod preċiż il-limitu ta' din l-indipendenza. Għalhekk, nenfasizza li jeżistu żewġ livelli ta' protezzjoni/definizzjoni tal-indipendenza tal-ARN: dak tal-liġi tal-Unjoni, li d-direttivi tagħha jistabbilixxu l-qafas ġenerali tad-definizzjoni, u dak tal-liġi interna, li tippreċiża b'mod iktar konkret l-artikulazzjoni ta' din l-indipendenza.

34. Dan it-tieni livell ta' konfigurazzjoni tal-indipendenza tal-ARN huwa rikonoxxut fid-direttiva qafas stess, li l-preambolu tagħha jammetti li l-poteri ta' regolamentazzjoni ta' dawn il-korpi "hija mingħajr preġudizzju għall-awtonomija istituzzjonali u l-obbligazzjonijiet kostituzzjonali ta' l-Istati Membri jew tal-prinċipju ta' newtralità fir-rigward tar-regoli fl-Istati Membri li jirregolaw is-sistema tas-sidien tal-proprjetà preskritta f'Artikolu 295 tat-Trattat.[…]" [10].

35. Sabiex tikkompleta dan il-qafas, il-Qorti tal-Ġustizzja reċentement forniet għadd ta' kriterji utli ta' interpretazzjoni, li b'hekk jikkontribwixxu biex inaqqsu t-tensjoni bejn l-indipendenza tal-ARN u l-awtonomija istituzzjonali tal-Istati Membri.

1. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja applikabbli għall-ARN u l-awtonomija istituzzjonali tal-Istati Membri

36. Skont prinċipju stabbilit sew, il-ħatra tal-korpi tal-Istati Membri inkarigati bl-implimentazzjoni tal-obbligi li jirriżultaw mil-liġi tal-Unjoni, issir f'konformità mas-sistemi kostituzzjonali rispettivi [11]. Madankollu, id-diviżjoni tal-poteri li ssir fl-Istati Membri, ma tistax tpoġġi f'riskju la l-formulazzjoni u lanqas l-impatt utli tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni.

10 — Il-ħdax-il premessa.

11 — Ara b'mod partikolari is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 1976, Rewe (33/76, Ġabra p. 1989, punt 5), u Comet (45/76, Ġabra p. 2043, punt 13); tal-14 ta' Diċembru 1995, Peterbroeck (C-312/93, Ġabra p. I-4599, punt 12); tal-20 ta' Settembru 2001, Courage Crehan (C-453/99, Ġabra p. I-6297, punt 29); tal-11 ta' Settembru 2003, Safalero (C-13/01, Ġabra p. I-8679, punt 49); tat-13 ta' Marzu 2007, Unibet (C-432/05, Ġabra p. I-2271, punt 39); tas-7 ta' Ġunju 2007, Van der Weerd *et* (kawżi magħquda C-222/05 sa C-225/05, Ġabra p. I-4233, punt 28).

37. Din it-tensjoni bejn l-awtonomija istituzzjonali u l-effikaċità tal-liġi tal-Unjoni tkompli tintensifika meta l-leġiżlatur Ewropew jarmonizza settur u jintroduċi miżuri ta' regolamentazzjoni applikabbli fl-Istati Membri. Din is-sitwazzjoni sseħħ, kif kien innotat, fil-każ tad-direttivi dwar it-telekomunikazzjonijiet, li d-direttiva qafas tagħhom timponi fuq l-Istati Membri li joħolqu korpi indipendenti u speċjalizzati [12]. F'dan il-kuntest, l-esiġenza li l-ordni istituzzjonali nazzjonali tkun f'konformità mal-liġi tal-Unjoni ssir imperattiva iżda dan ma jfissirx li l-Istati Membri ma għandhom l-ebda marġni ta' diskrezzjoni.

38. Fil-fatt, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-ħolqien u r-regolamentazzjoni tal-ARN isiru f'kuntest ġenerali u astratt stabbilit mid-direttivi dwar it-telekomunikazzjonijiet, u li l-Istati Membri għandhom marġni konsiderevoli ta' diskrezzjoni biex jippreċiżawh. Fiż-żewġ sentenzi rilevanti għall-kawża inkwistjoni, Comisión del Mercado de las Telecomunicaciones [13] u Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja [14], joħorġu dawn il-kriterji u oħrajn, li jirriżultaw partikolarment utli għas-soluzzjoni ta' din il-kawża preliminari.

39. Fil-kawża Comisión del Mercado de las Telecomunicaciones tressqet id-domanda jekk Stat Membru jistax jattribbwixxi lil diversi korpi l-assenjazzjoni ta' riżorsi tan-numerazzjoni nazzjonali u tal-ġestjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' numerazzjoni. Dawn il-funzjonijiet huma pprovduti fl-Artikolu 10(1) tad-direttiva qafas u Spanja qasmet l-implimentazzjoni tagħhom bejn l-ARN u l-Gvern. Il-Qorti tal-Ġustizzja solviet il-każ billi ddikjarat li d-direttiva qafas ma topponix li Stat Membru jaqsam bejn diversi korpi l-funzjonijiet li din id-dispożizzjoni tattribbwixxi lill-ARN. Madankollu, is-sentenza tintroduċi riserva importanti li tgħid li l-Istati Membri għandhom mhux biss jiżguraw l-indipendenza funzjonali ta' dawn l-awtoritajiet regolatorji fil-konfront tal-organizzazzjonijiet li jipprovdu netwerks, apparat jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, iżda għandhom ukoll "jippubblikaw l-inkarigi li għandhom jitwettqu minn dawn l-awtoritajiet regolatorji f'forma faċilment aċċessibbli u jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-isem tal-awtoritajiet regolatorji inkarigati bit-twettiq ta' dawn il-funzjonijiet kif ukoll dwar ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom [15]."

40. Il-kontroversja li nqalgħet bejn l-ARN Spanjola u l-Gvern ta' dan il-pajjiż, fl-aħħar issolviet mit-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) li applika l-ġurisprudenza ċċitata u

12 — Ara, f'dan ir-rigward, S. Muñoz Machado u J. Esteve Pardo, (Dir.) "Fundamentos e instrumentos jurídicos de la regulación económica" f'*Derecho de la relación económica*, Iustel, Madrid, 2009, p. 133.

13 — Sentenza tas-6 ta' Marzu 2008, (C-82/07, Ġabra p. I-1265).

14 — Sentenza tat-3 ta' Diċembru 2009, (C-424/07, Ġabra p. I-11431).

15 — Punt 25.

d-deċiżjoni kienet favur l-ARN [16]: minn naħa, il-fatt li diversi korpi ta' regolamentazzjoni indipendenti jistgħu jassumu l-istatus ta' ARN huwa ammess; min-naħa l-oħra l-Istat Membru għandu jagħmel dawn is-subdiviżjonijiet b'mod li jirrispettaw ir-rekwiżit minimu ta' prevedibbiltà fil-waqt li jistabbilixxi b'mod ċar liema kompetenzi għandu kull korp u jinnotifika dan mingħajr dewmien lill-Kummissjoni [17].

41. It-tieni deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tkun ikkunsidrata hija dik reċenti fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja. Permezz ta' dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-Kummissjoni sostniet li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienet qed tikser id-direttivi dwar it-telekomunikazzjonijiet, minħabba li llimitat b'liġi, l-applikazzjoni tar-regolamentazzjoni għas-swieq sensittivi, u minħabba li llimitat il-poteri ta' orjentament u ta' intervent tal-ANR għal objettivi speċifiċi tar-regolamentazzjoni. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fuq żewġ aspetti li għandhom interess partikolari għall-każ inkwistjoni: minn naħa enfasizzat ir-rwol tal-ANR fl-analiżi tas-swieq rilevanti biex prinċipalment, tivverifika jekk l-impriżi preżenti fis-suq inkwistjoni jeżerċitawx poter sinjifikanti tant li jipprovokaw distorsjoni tal-funzjonament tiegħu. Billi l-leġiżlatur Ġermaniż kien eskluda lill-ARN mid-definizzjoni u mill-analiżi ta' swieq ġodda, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li l-leġiżlatur kien ċaħħad lil dawn il-korpi mill-poteri mogħtija speċifikament lilhom mid-direttivi [18]. Min-naħa l-oħra, din is-sentenza ddikjarat ukoll bħala llegali, id-dispożizzjoni tal-liġi li tidentifika objettivi speċifiċi li l-ARN għandha ssegwi u li teskludi oħrajn imsemmija fid-direttivi. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li, meta l-leġiżlatur jagħti prijorità lil wieħed biss mill-objettivi imposti mid-direttiva qafas fuq l-ARN, dan"jeffettwa bilanċ ta' dawn l-għanijiet, meta tali bilanċ huwa għall-ANR matul it-twettiq tax-xogħol regolatorju lilha assenjat [19]."

42. L-Avukat Ġenerali Poiares Maduro analizza fid-dettall din l-aħħar kwistjoni fil-konklużjonijiet tiegħu għall-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, u enfasizza li xi drabi, il-funzjonijiet mogħtija lill-ARN, jistgħu jkunu prekluż lil-leġiżlatur. Skont il-punt 63 ta' dawn il-konklużjonijiet, "l-assenjazzjoni ta' dan il-bilanċ lil-leġiżlatur nazzjonali għandu konsegwenzi differenti mill-assenjazzjoni tiegħu lill-ANR. L-ANR twaqqfu u ngħataw poteri partikolari mill-qafas Komunitarju regolatorju għal ċerta raġuni: huma mistennija li jkunu insulati minn ċerti interessi u li jilħqu d-deċiżjonijiet tagħhom regolati biss mill-kriterji stabbiliti f'dak il-qafas."

16 — Sentenza tal-10 ta' Marzu 2009 tat-Tielet Awla għall-Proċeduri Amministrattivi tat-Tribunal Supremo.

17 — Ara M. Cienfuegos Mateo, F. y Armengol Ferrer,, "Cuestión prejudicial comunitaria, pluralidad de organismos nacionales reguladores en el ámbito de las telecomunicaciones y conflicto potencial de competencias entre el Estado y las Comunidades Autónomas", *Unión Europea Aranzadi,* Ottubru 2008.

18 — Punti 81 sa 83.

19 — Punt 93.

43. Propju għaliex il-leġiżlatur iwettaq kompitu speċifiku f'kull sistema kostituzzjonali nazzjonali, naqbel mal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro li xi drabi dan il-kompitu mhux kompatibbli mal-funzjonijiet tal-ARN. Il-fatt li l-attività ta' preparazzjoni tal-analiżi tas-suq, l-evalwazzjoni tal-objettivi u l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet individwali huma mistennija minn dawn il-korpi, ifisser li d-direttivi jattribbwixxu lilhom dawn il-funzjonijiet minħabba li huma meqjusa bħala l-istituzzjonijiet teknikament u legalment l-iktar adegwati biex jassumu l-funzjonijiet ipprovduti mill-qafas leġiżlattiv tal-Unjoni [20].

44. Abbażi ta' dak diġà espost, nista' nagħmel il-konklużjonijiet li ġejjin.

45. L-ewwel nett, l-attribuzzjoni lill-ARN ta' funzjonijiet speċifiċi permezz tad-direttivi huwa kompitu li kull Stat Membru għandu jagħmel filwaqt li jeżerċita setgħa diskrezzjonali wiesgħa. Minn dan jirriżulta li d-direttivi ma jostakolawx l-eżistenza ta' iktar minn ARN waħda fl-istess suq, kull waħda b'funzjonijiet distinti, sakemm dawn is-subdiviżjonijiet ma jipprovokawx inċertezza legali. Għalhekk, fl-attribuzzjoni tal-kwalità ta' ARN lil diversi korpi għandu jkun garantit minimu ta' prevedibbiltà u trasparenza.

46. It-tieni nett mhux eskluż li l-leġiżlatur okkażjonalment jassumi funzjonijiet determinati ta' ARN, jekk l-Istat Membru jqis dan opportun, dejjem jekk dan isir fil-kuntest tal-kundizzjonijiet tal-prevedibbiltà u trasparenza msemmija iktar 'il fuq. Jista' barra minn hekk jiġri li l-leġiżlatur jadotta deċiżjonijiet li għandhom inċidenza diretta fuq il-funzjonijiet tal-ARN, mingħajr mal-leġiżlatur ikollu l-kwalità ta' ARN [21]. Madankollu, mill-imsemmija sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja jirriżulta li, sabiex dan l-intervent ikun konformi mad-direttivi, jeħtieġ li b'din l-imġiba la jkunu limitati u lanqas esklużi l-funzjonijiet li d-direttivi espressament jagħtu lill-ARN. Din il-limitazzjoni tal-kompetenzi leġiżlattivi tal-Istati Membri hija ġġustifikata mir-raison d'être tal-ARN maħluqa u stabbiliti biex jaqdu għanijiet speċifiċi li l-Istati Membri, bl-adozzjoni tad-direttiva riedu li jintlaħqu permezz ta' korpi tekniċi, funzjonalment

20 — N. Komesar, *Imperfect Alternatives — Choosing Institutions in Law,* Chicago, University of Chicago Press, 1994, p. 176 u s-segwenti.

21 — It-tlettax-il premessa tad-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009, (ĠU L 337, p. 37) li temenda d-direttivi tal-2002 fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet, tirrikonoxxi li l-leġiżlatur mhux l-iktar entità adegwata biex jassumi l-funzjonijiet mistennija mill-ARN, iżda f'dan ir-rigward ma tagħtix deċiżjoni finali. Għall-kuntrarju, l-ambigwità tal-premessa inkwisjoni, li tillimita ruħha li tiskoraġġixxi ir-rikors għal intervent leġiżlattiv, tidher li tikkonferma li l-leġiżlatur, sakemm ikunu rispettati kundizzjonijiet determinati, jista' jaġixxi bħala ARN: "[…] Għal dan il-għan, għandha ssir dispożizzjoni espressa fil-liġi nazzjonali biex jiġi żgurat li, fl-eżerċizzju tal-kompiti tagħha, l-awtorità regolatorja nazzjonali responsabbli għar-regolament tas-suq ex ante jew għar-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet bejn impriżi tkun protetta mill-interventi esterni jew pressjoni politika li jistgħu jipperġudikaw l-evalwazzjoni indipendenti tagħha ta' materji li jiġu quddiemha. *Fil-kuntest leġiżlattiv, din l-influwenza esterna timpedixxi organu leġiżlattiv nazzjonali milli jiddelibera bħala ta' awtorità regolatorja nazzjonali.*" (il-korsiv huwa miżjud minni)

separati mill-attività tal-Gvern u tal-Parlament.

2. Il-kuntest leġiżlattiv tal-Belġju fid-dawl tad-direttivi u l-interpretazzjoni fil-ġurisprudenza tagħhom

47. F'dan il-punt jeħtieġ li jkun ikkjarifikat jekk il-leġiżlatur Belġjan assumiex leġittimament funzjonijiet li d-direttiva qafas, kif ukoll id-Direttiva 2002/22, fil-prinċipju, jagħtu lill-ARN. Jekk dan mhux il-każ, għandu jkun eżaminat ukoll jekk il-leġiżlatur Belġjan, minkejja li ta lilu nnifsu l-kwalità ta' ARN, setax jagħmel dan legalment.

48. L-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2002/22 jistabbilixxi speċifikament li l-ARN hija mistennija li tivverifika jekk il-prestazzjoni ta' servizz universali tistax tikkostitwixxi piż inġust għall-impriżi li jfornuh. Għal dan l-għan, huma għandhom jikkalkulaw l-ispiża netta tal-prestazzjoni b'kunsiderazzjoni għall-kriterji stabbiliti fil-punti (a) u (b) ta' din id-dispożizzjoni. Ladarba jsir il-kalkolu, l-ARN tiddeċiedi formalment jekk impriża hix suġġetta għal piż inġust skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/22. Minn dan il-punt 'il quddiem, id-direttiva ma ssemmix liberament lill-ARN u tistabbilixxi li "*l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu*, fuq talba minn impriża" [22] li jintroduċu sistema ta' kumpens iffinanzjat mill-fondi pubbliċi, jew sistema ta' qsim tal-ispejjeż bejn il-forniturituri tas-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet.

49. Dan il-proċess impost mid-Direttiva 2002/22 huwa ċar perfettament u jikkaratterizza l-funzjonijiet rispettivi ta' kull istituzjoni. Huwa evidenti li l-ARN huma dawk espressament mitluba minn qabel biex iwettqu kompiti ta' analiżi u ta' definizzjoni tas-suq u l-kalkolu tal-ispejjeż tas-servizz universali. Dan il-kompitu ngħatalhom sabiex l-analiżi tas-suq issir minn korp teknikament affidabbli u indipendenti mill-perspettiva funzjonali. Dan huwa spjegat mill-fatt li, jekk il-kumpens għall-prestazzjoni ta' servizz universali jikkostitwixxi miżura aċċettabbli mill-perspettiva tas-suq, ma jistax ikun miċħud li jeżisti riskju ta' abbuż li jista' jbiddel il-pożizzjoni kompetittiva ta' xi operaturi. Għalhekk, id-Direttiva 2002/22 trid li tkun l-ARN li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tat-trasferiment suċċessiv tal-kapital favur fornitur tas-servizzi wieħed jew aktar.

50. Minn dan il-mument, ladarba tkun stabbilita bażi teknika u legali suffiċjenti sabiex ikun hemm kumpens, id-Direttiva 2002/22 tagħti kompetenzi "lill-Istati Membri" li jistgħu jkunu deskritti bħala nukleju deċiżiv. Għalhekk, l-ARN

22 — Il-korsiv huwa miżjud minni.

jispiċċaw mill-mument li tkun adottata dik li mingħajr dubju tikkostitwixxi d-deċiżjoni fundamentali: is-sistema ta' kumpens u l-allokazzjoni eventwali individwali tagħha. Għalhekk, id-Direttiva 2002/22 stabbilixxiet sistema maqsuma f'żewġ fażijiet; l-ewwel fażi ta' natura analitika u teknika hija r-responsabbiltà esklużiva tal-ARN, filwaqt li t-tieni fażi, riżervata għall-Istati Membri, tista' tkun fdata f'idejn l-istituzzjoni meqjusa l-iktar xierqa u skont il-prinċipju tal-awtonomija istituzzjonali ta' kull pajjiż. Ma hemm xejn li jimpedixxi li jkun il-leġiżlatur l-awtorità kompetenti li tiddefinixxi s-sistema ta' kumpens, iżda dan għandu jsir skont il-kriterji stipulati fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/22.

51. Dan il-proċess kien segwit fil-Belġju?

52. Mill-avvenimenti li seħħew bejn l-2005 u l-2007, ir-risposta ma tistax tkun ħlief negattiva.

53. L-ewwel nett, għandu jkun innotat li matul il-fażi preliminari, li d-Direttiva 2002/22 tiddedika speċifikament għall-ARN, mill-fatti li seħħew fl-2005 u fis-seduta leġiżlattiva, tħalla barra kull riferiment għall-evalwazzjoni tal-ispejjeż, kif ukoll għaċ-ċirkustanza tal-eżistenza ta' "piż inġust". Kien biss fl-2007 u wara li l-Kummissjoni bdiet proċeduri amministrattivi għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, li l-leġiżlatur Belġjan adotta miżura interpretattiva u retroattiva li tispeċifika li fl-2005 il-leġiżlatur għamel din l-analiżi u kkonferma l-eżistenza ta' "piż inġust". Dan il-komportament jikkuntrasta mal-kontenut tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2002/22, li għandu l-għan li jiggarantixxi l-prevedibbiltà u n-natura teknika ta' din l-ewwel fażi tal-proċedura. Fil-fatt, kif kien stabbilit fil-kawża Comisión del Mercado de las Telecomunicaciones, it-twettiq minn korp, f'dan il-każ il-leġiżlatur, tal-funzjonijiet tal-ARN għandu jsir wara li dawn il-funzjonijiet ikunu ppubblikati b'tali mod li jkunu faċilment aċċessibbli u nnotifikati lill-Kummissjoni, filwaqt li jindikaw b'mod ċar ir-responsabbilitajiet diversi ta' kull korp [23]. Mhux biss ma jirriżultax li l-Belġju adotta dikjarazzjoni ta' dan it-tip fl-2005, talli għall-kuntrarju huwa nnotat komportament radikalment oppost minħabba li l-leġiżlatur attribwixxa dawn il-funzjonijiet b'mod retroattiv, fattur li huwa diffiċli li jkun ikkonċiljat mal-importanza li d-direttivi jagħtu lill-valur tal-istabbiltà u tas-sigurtà legali f'dan il-qasam.

54. Jekk nassumu li l-leġiżlatur ried jintervjeni mhux fil-kwalità ta' ARN iżda bħala setgħa legali indipendenti, dan il-komportament kien ikun ikkunsidrat bħal inkompatibbli mad-Direttiva 2002/22. Fil-fatt, l-imsemmi Artikolu 12 jagħti lill-ARN, u lilha biss, funzjoni prospettiva ta' natura teknika-legali, sabiex ikun stabbilit jekk dawk l-impriżi li jfornu s-servizzi universali b'mod obbligatorju humiex suġġett għal "piż

23 — Ara s-sentenza Comisión Nacional de Telecomunicaciones, iċċitata iktar 'l fuq, punt 25.

inġust". L-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/22, jipprovdi eċċezzjoni għal dan il-monopolju biss fil-fażi tad-definizzjoni u l-applikazzjoni ta' sistema konkreta ta' kumpens. Għalkemm, il-leġiżlatur huwa awtorizzat b'mod sħiħ mid-direttiva msemmija biex jagħżel wieħed mill-mudelli ta' kumpens definiti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, u dan b'marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa li żżomm l-awtonomija istituzzjonali tal-Istati Membru f'mument marbut mill-qrib mad-deċiżjoni strettament partimonjali, jiġri eżattament il-kuntrarju fil-fażijiet preċedenti tal-analiżi u tal-prosekuzzjoni. Minħabba li l-leġiżlatur Belġjan assuma kemm il-funzjoni preliminari kif ukoll dik deċiżjonali u patrimonjali stipulati fl-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva 2002/22, inbidel il-bilanċ bejn l-ARN u l-awtoritajiet nazzjonali l-oħra pprovdut minnhom, bi ksur konsegwenti tal-liġi tal-Unjoni.

B — *Il-kalkolu tal-obbligi tas-servizz universali*

55. Ir-risposta għall-ewwel domanda preliminari trendi inutli l-iżvilupp ulterjuri tal-punti l-oħra mressqa mill-Grondwettelijk Hof. Soluzzjoni bħal dik esposta hawn fuq twassal lill-qorti tar-rinviju għal konklużjoni kategorika: peress illi kemm il-liġi tal-2005 kif ukoll il-liġi tal-2007 huma inkompatibbli mal-liġi tal-Unjoni, għaliex stabbilixxew sistema li ma segwietx il-proċedura imposta mid-Direttiva 2002/22, ir-rikors ippreżentat quddiemha sar mingħajr suġġett.

56. Għalhekk, għalkemm il-qorti tar-rinviju għamlet riferiment għal domandi oħrajn fir-rinviju preliminari tagħha, id-dubju sostanzjali li jirriżulta mill-każ inkwistjoni għandu jkun meqjus umilment solvut bil-proposta li qed inressaq lill-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li nippreċiża li jista' jsir riferiment ukoll għall-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża C-222/08.

VI — Konklużjoni

57. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domanda preliminari mressqa mill-Qorti tal-Belġju b'dan il-mod:

"Id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) topponi li leġiżlatur nazzjonali jiddikjara l-eżistenza ta' piż inġust abbażi ta' spejjeż esposti mill-fornitur tas-servizz universali, meta dawn il-funzjonijiet kienu espressament attribwiti mid-Direttiva 2002/22 lill-awtorità regolatorja nazzjonali. Fil-każ meta l-leġiżlatur nazzjonali jkun l-awtorità regolatorja nazzjonali, l-Istat Membru kkonċernat għandu, qabel iwettaq il-funzjonijiet li normalment ikollha din tal-aħħar, jiddikjara b'mod ċar, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, il-kompetenzi speċifiċi assenjati lil kull awtorità."